MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 8/2004

**Grazzju u Concetta konjugi Sultana**

**vs**

**Neville Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi f'gurnata tat-13 ta' Settembru 2003, l-attrici Concetta Sultana kienet qeghda ssuq il-vettura taghha Volkswagen Polo JAX 732 fi Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex, u kienet ghaddejja bil-mod hafna, kwasi wieqfa, fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata taghha meta f'daqqa wahda vettura Ford Fiesta bin-numru JAB 694 proprjeta' ta' u misjuqa mill-konvenut, li kienet ghaddejja b'velocita' qawwija u f'nofs it-triq, habtet gol-vettura tal-attrici.

U peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek Neville Camilleri minhabba illi inti inqast tosserva

r-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi soqt b'manjiera traskurata, u peress illi d-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal seba' mija u sitta u erbghin liri Maltin u wiehed u disghin-il centezmu (Lm746.91c) oltre spejjez legali;

Ghid ghalhekk inti konvenut ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal:

1. jiddikjarak responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;
2. jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' Lm746.91
3. tikkundannak thallas lill-attrici din is-somma.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Ottubru 2003 kontra tieghek, bl-interessi u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta:

"1. Illi l-pretensjonijiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabilita' ta' l-attrici Concetta Sultana minhabba imperizja, traskuragni u ksur ta' regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

3. Illi ghalhekk il-konvenut m'huwa tenut ihallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed jigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi bhala l-valur tad-danni subiti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Ra l-kontrotalba:

"Illi kif spjegat fl-eccezzjonijiet il-konvenut kien involut f'incident awtomobilistiku ma' l-attrici Concetta Sultana fit-13 ta' Settembru 2003 fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti ta' Zebbug, Ghawdex waqt li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JAB 694 u l-attrici kienet issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAX 732.

Illi ghal dan l-incident tahti unikament l-attrici billi dan gara minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan taghha.

Illi d-danni sofferti mill-konvenut konsegwenti ghal dan l-incident huma LM471.26.

Illi ghal dawn trid twiegeb l-attrici.

Illi l-konvenut qieghed jitlob il-hlas ta' dawn id-danni flimkien ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri."

Ra r-risposta ghall-kontrotalba:

"1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut minhabba illi naqas illi josserva ir-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi saq b'manjiera traskurata.

3. Illi ghalhekk l-attrici ma hix tenuta thallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal presuespost qed jigi kkonstestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-konvenut bhala valur tad-danni subiti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' x-xhieda, ra d-dokumenti esibiti;

Acceda fuq il-post tal-incident;

Ikkunsidra:

Illi l-attrici kienet ghadha kif harget minn parti dejqa ta' Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u giet f'parti ohra tal-istess Triq li tifforma T-junction ma' Triq Santa Marija. Dan l-ikcrocju jikkonsisti fi pjazzetta f' ghamla ta' lembut. Fil-punt fejn Triq Santa Marija tisbokka fi Triq il-Qbajjar hemm sinjal ta' *no-entry.* Triq il-Qbajjar hija, fid-direzzjoni imnejn kienet qieghda tipprocedi l-attrici, ghat-telgha. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta tal-istess triq, liema parti hija usa mill-parti tat-triq li minnha kienet hierga l-attrici.

Il-habta saret vicin hafna tal-parti tat-triq imnejn kienet hierga l-attrici. Jekk wiehed jaghmel prolungazzjoni tal-parti tat-triq imnejn kienet hierga l-attrici, jirrizulta li din kienet qieghdha ssuq fuq ix-xellug taghha. Fuq in-naha tal-lemin tal-attrici kien hemm xi vetturi pparkjati u bejn il-vettura tal-attrici u dawn il-vetturi kien hemm distanza ta' 3.7 metri. Ma hemmx dubbju li l-konvenut seta' facilment ghadda minn dan l-ispazju minghajr ma jahbat mal-vettura tal-attrici.

Il-parti tat-triq imnejn kien gej il-konvenut ma kinitx fiz-zmien tal-incident asfaltata; kellha z-zrar u skond kif qal il-konvenut ma kienx hemm street-lights.

Skond il-verzjoni moghtija mill-attrici *a tempo vergine* u fedelment irregistrata mis-surgent investigatur, *kont tiela' kemm kemm nitharrek, waqaft ghax rajt dawl ta' karozza gej mill-faccata. Dan baqa' diehel jitkaxkar go fija ghax ma setax izomm. Wara l-habta rriversja u ma riedx*

*jaghmel rapport lill-pulizija.* Din il-verzjoni sostnietha fid-deposizzjoni taghha quddiem it-Tribunal. Ziedet li *smajt qisu l-iskiddjatura gejja ghal fuqi* (fol 29). It-Tribunal jaghti affidament shih lid-deposizzjoni tal-attrici ghax din xehdet b'mod konsistenti u veritjer.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut fit-temp pristinu kienet, b'mod lakoniku li *kont niezel mal-linja tieghi u lil JAX 732 insibha go wicci.* Jghid li l-attrici ma waqfitx imma li baqghet gejja bl-istess speed. Jammetti li skidja u ma setghax jieqaf mill-ewwel minkejja li ghafas il-brejk: *ghalkemm ilhaqt bdejt naghfas il-brake tal-vettura tieghi, ma kienx hemm hin bizzejjed biex inwaqqafha: bejn ghaliex f' dik il-parti t-triq hi angolata 'l isfel kif ukoll billi hemm zrar fil-wicc ma tantx jirnexxielu wiehed jieqaf mill-ewwel.*

Il-konvenut kellu mieghu passiggier lil Mark Cutajar li ghamel affidavit identiku – hlief ghal irtokki *mutatis mutandis* - ghal dak tal-konvenut. It-Tribunal ma jaghti l-ebda affidament ghal xhieda bhal din. Ikkontroezaminat, dan ix-xhud qal li l-vettura tal-konvenut kienet 1.5 metri mill-vetturi pparkjati fuq ix-xellug tat-triq. Meta ngibditlu l-attenzjoni ghall-fatt li fl-iskizz hemm indikata distanza ta' iktar minn 3 metri, qal li l-vettura skiddjat 'il barra meta l-konvenut applika l-brejk. Il-konvenut innifsu jaghti spjegazzjoni differenti: jghid li t-triq fuq ix-xellug tieghu ma kinitx dritta imma angolata (curved). It-Tribunal acceda fuq il-post u kkonstata li fil-parti fejn sehhet il-habta t-triq hija dritta. Hemm kurvatura – zghira - biss fuq in-naha l-ohra tat-T junction izda din ma tiggustifikax lill-konvenut li jibqa' jsuq iktar minn tlett metri 'l barra anke fil-punt fejn sehhet il-habta u fejn it-triq, kif inghad, hija dritta. Il-fatt li l-konvenut u x-xhud tieghu anke f'dan ir-rigward taw spjegazzjonijiet tant diskordi wara affidavits tant konkordi xejn ma jghin lill-kredibilita' li dan it-Tribunal lest li jaghti lill-ispjegazzjonijiet taghhom.

Fl-ahharnett, il-konvenut kien qieghed isuq fi speci ta' pjazzetta u diehel f'parti dejqa tat-triq. Huwa ghalhekk kellu joqghod attent u jzomm lejn ix-xellug tieghu. Apparti

li jsuq skond ic-cirkostanzi tal-lokalita'. Cioe' kellu jiehu kont tal-istat imharbat tat-triq u joqghod attent li jibqa' fil-kontroll tal-vettura tieghu, specjalment tenut kont li kien sejjer ghan-nizla fuq iz-zrar. Kellu jkun prevedibbli ghall-konvenut li setghet titfacca vettura mid-direzzjoni opposta, u li jekk jigri hekk huwa ma kienx sejjer ikun f'posizzjoni li jwaqqaf tempestivament il-vettura tieghu. L-attrici kienet qieghda ssuq fuq sajdha u bl-ebda mod ma jista' jinghad li kkontribwiet ghall-incident.

Il-*quantum* tad-danni subiti mill-attrici gew sodisfacentement ippruvati u fil-fatt ma gewx ikkontestati waqt is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh unikament tort tas-sewqan imprudenti u negligenti kif ukoll nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-attrici s-somma ta' LM746.91 ammont ta' danni minnha subiti b'konsegwenza tal-istess incident bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 t' Ottubru 2003, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------